# BIRKIRKARA

## ISIMHA...NIESHA...ĠRAJJIETHA

Tagħrif miġbur minn FransPullicino




Minn dejjem Birkirkara kienet meqjusa bħala wieħed mill-irħula l-iktar popolati ta' Malta. Il-firxa ta' l-art kienet teħodna sa St. Venera, Ħamrun, Imsida, Sliema, San Ġiljan, Msieraħ (illum San Ġwann) u t-tliet irħula Attard, Balzan, Lija.

### Isimha

Hawn min jagħti tifsira differenti ta' xi tfisser il-kelma Birkirkara. l-ewwelnett l-isem għandu jinqasam fit-tnejn: Bir u Kirkara. Bir li jkarkar. jekk noqgħodu niflu sew dan l-isem malajr nintebħu li Birkirkara hija art li qiegħda f'ħofra u meta tkun nieżla x-xita ħafna ilmijiet min-Naxxar, Attard, Rabat eċċ jinżel fuqna u jifforma bħal Wied, ilma li jkarkar, għalhekk ġiethom l-idea li jgħammdu din l-art Bir li jkarkar. Il-Bir f'dan il-każ nistgħu naghtuh isem ta' Wied u huwa veru li għandna Wied li jkarkar l-ilmijiet kbar li jinżlu fih. It-tifsira l-oħra ta' Bir u Karkara dan jista' jkun ukoll għax fl-antik kien hawn ħafna karkari tal-ġir ħdejn xulxin, għalhekk Bir-Karkara. Iżda naħseb li l-iktar verżjoni tajba u korretta u viċin il-verità hija l-ewwel waħda, Bir-Kirkara, Bir li Jkarkar.

### Niesha

Huwa fatt magħruf ukoll li Birkirkara minn dejjem kienet meqjusa bħala wieħed mill-irħula jew subborgi l-iktar popolati. Hekk per eżempju fl-1646 kien hawn mal-428 dar u 2500 ruħ. Sa ftit ikar minn mitt sena wara, fl-1760, il-poplu kiber għal 3453, kważi żdied bl-elf. Fl-1830 il-poplu kien madwar 5000 u elf dar *dar għal kull ħames persuni). Kompla jiżdied sakemm fl-1901 insibu 6378. Fl-1921 il-popolazzjoni telgħet għal 8569 sakemm baqgħet tiela dejjem sakemm illum insibu madwar 24,000 ruħ, l-iktar post popolat f'Malta.

Birkirkara offriet nies kbar li għamlu isem mhux biss lilha iżda lil Malta li isimhom jibqa' fl-istorja. Kulħadd sema' b'Ċensu Borg (imlaqqam Braret) x'eroiżmu wera kontra l-imblokk mal-Franċiżi. Sieħbu Ġanni Borg u Anġlu Mallia li sfaw vittmi tal-Franċiżi, il-ħafna ulied oħra minn tagħha li kważi lkoll għandhom triq imsemmija għalihom. Insemmu lil Dun Filipo Borgia, il-fundatur tal-kolleġjata 360 sena ilu. Reċentement insemmu lil Sir Anthony Mamo, l-ewwel Gvernatur Malti u l-ewwel President ta' Malta Repubbblika u lill-Prim Ministru preżenti, Dr Eddie Fenech Adami, it-tnejn ulied Birkirkara.

### Ġrajjietha

Kemm batew missierijietna fi żmien meta f'Malta kien hawn il-pesta fl-1560 meta mijiet mietu f'effett ta' din il-marda kiefra li ħalliet bosta mwiet ma' Malta kollha. Iċ-Ċimiterju ta' l-infetti għadu xhiedha fil-memorja ta' dawk l-infettati bil-

pesta li ndifnu hemm. Kemm mexxa lin-niesu tajjeb Ċensu Borg kontra l-ħakma Franċiża, organizzahom u ġġieldu bi qlubija kbira għall-ħelsien ta' Malta tagħna saħansitra uħud tilfu ħajjithom għall-ħelsien ta' artna. Fil-gwerra niesha iġġieldu bi qlubija kbira wkoll u ħafna ħallew ħajjithom meta l-bombi t' l-għadu temmewhom. Birkirkara f'dawn iż-żminijiet kienet il-kenn u rifuġju t'a ħafna nies oħra minn bliet oħra li evakwaw raħal twelidhom u ġew jgħixu f'Birkirkara.

In Hoc Signo Vinces kien jgħid is-sinjal li deher lil Costantino qabel dan massuldati tiegħu beda jitqabad ma' l-għadu Massenzju. "B'dan is-sinjal tirbaħ" ifisser dak il-kliem u b'dak is-sinjal Costantino iben Elena l-Imperatriċi rebaħ mhux biss l-imperu iżda rebaħ il-Kristjaneżmu u ġarraf lil Ruma u l-paganeżmu. Dan huwa ss-sinjal uffiċjali ta' Birkirkara, Salib Aħmar, b'kuruna Imperjali f'Kamp Fidda bl-iskrizzjoni *In Hoc Signo Vinces.* Rebaħ Costantino, rebħet Elena li sabet u ħadnet magħha s-salib ta' Kristu u wittiet it-triq għal Kristjaneżmu fid-dinja. Din hi l-padruna tagħna. Padruna li hi magħrufa universalment.

